MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2003

Appell Civili Numru. 28/2002/1

**Nicholas Debono u ibnu Francis Debono**

**vs**

**Registratur Principali tal-Qrati tal-Gustizzja u**
**Onor. Ministru tal-Gustizzja u Gvern Lokali**

**Il-Qorti:**

**Ir-Rikors promotorju.**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fid-29 ta' April, 2003. Il-

kawza tirrigwarda allegazzjoni da parti ta’ l-appellati Nicholas Debono u Francis Debono li kien hemm dewmien mhux ragonevoli fl-appuntament ta’ l-appell taghhom quddiem il-Qorti ta’ l-Appell b’mod li huma jigu li ma nghatawx *“smigh…fi zmien ragonevoli…”* b’mod li kien hemm ksur ta’ l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni. In fatti, fir-rikors promotorju taghhom, presentat fl-1 ta’ Ottubru, 2002, ir-rikorrenti ppremettew hekk:
Illi fil-5 ta’ Lulju, 2000 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ppronunzjat sentenza f’kawza li kienet intavolata fl-1996 kontra l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma u d-Direttur tad-Drenagg. Dik il-kawza kellha tigi trattata b’urgenza kif kienet iddekretat l-istess Qorti;

Illi l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma u d-Direttur tad-Drenagg intavolaw rikors ta’ appell fil-25 ta’ Lulju, 2000;

Illi s-sottomissjonijiet mill-appellanti u r-risposta ta’ l-appellati (Nicholas Debono u Francis Debono) gew rimessi ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti ta’ l-Appell u ghalhekk il-proceduri bil-miktub jinsabu maghluqa;

Illi l-Artikolu 152(1) tal-Kap. 12 jimponi fuq ir-Registratur l-obbligu illi l-kawza li tkun appellata ghandha titqieghed fuq il-lista ghas-smigh mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-prezentata tar-rikors ta’ l-Appell;

Illi r-rikors ta’ appell gie prezentat fil-25 ta’ Lulju, 2000 u sal-lum (cioe` l-1 ta’ Ottubru, 2002) dak l-appell ghad ma giex imqieghed fuq il-lista ghas-smigh;

Illi sar rikors fil-31 ta’ Lulju, 2002 fejn gew elenkati r-ragunijiet ghaliex dak l-appell ghandu jigi trattat u deciz f’data vicina;

Illi sal-lum, (cioe` sal-gurnata li fiha kien qed jigi intavolat ir-rikors kostituzzjonali) ghad ma hemmx hjiel meta dan l-appell ser jinstema’ u jigi deciz, minkejja li nghatat ordni biex l-appell jitpogga fuq il-lista tal-kawzi kif titlob il-ligi;

Illi f'appell divers, li gie intavolat sena ilu, fl-ismijiet Jos Scicluna et v. Anthony Tonna (Citaz. 907/99 GV) gie appuntat ghat-tlettax ta' Jannar, 2003 wara rikors li sar fil-5 ta' Lulju, 2002 a bazi ta' l-istess Artikolu 152(1);

Illi dan qed jikser l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni Ewropea fejn il-Qorti Ewropea ppronunzjat diversi sentenzi dwar ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni fejn ikun hemm kawzi li ma jigux mismugha u decizi fi zmien ragonevoli, ta' liema konvenzjoni Malta hi wahda mill-firmatarji;

Illi dan hawn fuq espost kien ingieb a konjizzjoni tar-Rgistratur bil-Protest Gudizzjarju kontra l-intimat Registratur fis-16 ta' Awissu, 2002 fejn ir-rikorrenti zammewh responsabbli in dolo, kulpa u mora ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Premess dan kollu, r-rikorrenti talbu li l-Prim Awla tal-Qorti Civili (**1**) tiddikjara li l-intimati qed jonqsu gravement meta qed ihallu li tinkiser il-ligi u l-Kostituzzjoni; (**2**) tiddikjara lill-intimati hatja tal-ksur tal-ligi u cioe` l-Artikolu 152(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12); (**3**) tiddikjara lill-intimati hatja ta' ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem kif gew accettati fil-ligi Maltija skond il-Kap. 319; (**4**) tordnalhom jiehdu l-passi mehtiega biex jigu osservati l-ligijiet u l-principji elenkati fl-istess Konvenzjoni u Kapitolu 319 u b'hekk il-kawza titpogga ghal data vicina fuq il-lista tal-kawzi quddiem il-Qorti ta' l-Appell; u (**5**) tikkundanhom ihallsu lir-rikorrenti d-danni sofferti likwidati li jkunu fl-opinjoni tal-Qorti danni ragonevoli fic-cirkostanzi.

Ghal dan ir-rikors l-intimati wiegbu b'risposta datata 7 ta' Ottubru, 2002. Apparti xi kummenti pjuttost ta' natura procedurali (li m'ghandhomx ghalfejn jigu riprodotti f'din is-sentenza), l-intimati wiegbu li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda "stante li l-fatti tal-kaz ma jirrizultawx fi ksur tal-Kostituzzjoni jew tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta jew ta' l-Art. 152 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili".

**<u>Is-sentenza tal-Prim Awla</u>.**

Bis-sentenza taghha tad-29 ta’ April, 2003 il-Prim Awla iddecidiet hekk:

**“Filwat li tastjeni milli tqis l-ewwel u r-raba’ talbiet tar-rikorrenti u dan billi l-mertu taghhom gie ezawrit waqt is-smigh tar-Rikors;**

**“Tilqa’ t-tieni talba tar-rikorrenti, u tiddikjara li l-intimat Registratur Principali tal-Qrati kiser l-obbligi mqeghdin fuqu bl-Artikolu 152(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta fir-rigward tal-proceduri civili li fihom ir-rikorrenti kienu parti;**

**“Konsegwentement, tilqa’ t-tielet talba tar-rikorrenti, u tiddikjara li l-intimat kiser il-jedd tar-rikorrenti ghal smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli bi ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni;**

**“Tilqa’ l-hames talba tar-rikorrenti, u tghid li r-rikorrenti jisthoqqilhom kumpens ta’ hames mitt lira Maltija (Lm500) bejniethom, pagabbli lilhom mill-intimati solidament;**

**“Tikkundanna lill-intimati jhallsu l-imsemmi kumpens lir-rikorrenti kif fuq inghad, bl-imghaxijiet legali li jibdew jghaddu fuq l-imsemmija somma millum sal-jum tal-hlas effettiv; u**

**“Tikkundanna lill-intimati jhallsu l-ispejjez ta’ din il-procedura.”**

Biex waslet ghal din il-konkluzjoni, l-ewwel Qorti ikkunsidrat is-segwenti:
“Illi r-rikorrent fisser sewwa sew x’inhu l-ilment tiegħu meta qal li wara li kien tressaq l-appell mill-parti mħarrka kontra s-sentenza mogħtija f’Lulju tal-2000, kien jitla’ l-Qorti kull xahar u jindaga fir-Reġistru biex jara meta kien sejjer jibda s-smigħ tal-appell.  Kien jiġi mgħarraf li l-

appuntamenti tal-appelli kienu jinsabu b'lura b'madwar sentejn u ma kienx hemm ħjiel meta l-kawża kienet sejra titqiegħed għas-smigħ. Aktar 'il quddiem għamel tiftix u sab li sa Ġunju tal-2002 kien hemm aktar minn ħames mitt (500) kawża maqtugħa minn Frar tal-2000 sa dak inhar li ma kinux għadhom ġew appuntati għas-smigħ;

Illi irriżulta li d-Deputat Reġistratur tal-Awla tal-Qorti tal-Appell tieħu struzzjonijiet mis-Sinjorija Tiegħu l-Prim'Imħallef biex jittellgħu għandha xi proċessi li qegħdin jistennew is-smigħ u tagħtihom data għas-smigħ. Madankollu, irriżulta wkoll li, minn ċertu żmien qabel, hija tkun ġabret għandha l-proċessi skond il-ħin disponibbli għaliha u tillestihom għal meta jkunu appuntati għas-smigħ. Ġew imfissra wkoll iċ-ċirkostanzi marbuta mar-rikors imressaq mir-rikorrenti f'Lulju tal-2002, u r-raġunijiet għaliex l-appell ma ġiex appuntat minnufih;

Illi għal dak li jirrigwarda <u>l-aspetti legali tal-ilmenti tar-rikorrenti</u>, il-Qorti tibda biex, qabel xejn, tagħmel żewġ osservazzjonijiet preliminari. Fl-ewwel lok, għandu jingħad li għalkemm fl-ewwel smigħ intalab li l-atti tal-kawża li fuq id-dewmien tas-smigħ tal-appell mis-sentenza tagħha qiegħed jitressaq dan ir-rikors kellha tkun mehmuża mal-atti ta' dan ir-rikors, għal parti kbira miż-żmien li dan ir-rikors kien qiegħed jinstama' l-atti ta' dik il-kawża ma kinux għad-dispożizzjoni ta' din il-Qorti. Dan ġie hekk verbalizzat fis-smigħ tat-28 ta' Novembru, 2002. Dan ġara peress li, wara li nbdew il-preżenti proċeduri, l-appell minn dik is-sentenza ġie appuntat, bl-ewwel smigħ ikun fl-10 ta' Diċembru, 2002, u dik il-kawża issa tinsab imħollija għas-sentenza għal data fil-qrib. Għalhekk, din il-Qorti ma setgħetx tirreferi għal dawk l-atti, jekk kien hemm ħtieġa ta' dan;

Illi jrid jingħad, madankollu, li l-Qorti qegħda tifhem li l-ilment tar-rikorrenti f'din il-kawża huwa msejjes fuq id-dewmien fl-għoti tal-ewwel appuntament tas-smigħ fl-appell mis-sentenza mogħtija f'dik il-kawża mill-Qorti tal-Ewwel Istanza, u mhux dwar xi aspett fil-mertu tal-istess. Wara kollox, il-garanziji kostituzzjonali u tal-Konvenzjoni fir-rigward tas-smigħ xieraq kif protetti fl-artikolu 39(2) tal-

Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni huma ta' natura prettament proċedurali li bl-ebda mod ma jolqtu l-qofol tal-mertu tal-mertu tal-kontestazzjoni ta' dritt jew l-obbligazzjoni li jkun qed jiġi trattat quddiem xi qorti. Ma jidhirx li kien essenzjali għall-Qorti li biex tasal li tqis l-ilment hi jkollha dawk l-atti f'idejha. Dan qiegħed jingħad kemm minn kif inhu mfassal ir-rikors promotur, kemm mis-sottomissjonijiet xotti magħmulin mir-rikorrenti u kif ukoll mill-għamla tar-rimedju mitlub, u dan għalkemm, fl-affidavit tiegħu, ir-rikorrent jilmenta minn tul tas-smigħ tal-kawża ta' aktar minn sitt (6) snin;

Illi t-tieni preċiżazzjoni li għandha ssir hija li l-artikolu tal-Kodiċi tal-Proċedura li l-azzjoni preżenti tistrieħ fuqu - jiġifieri l-artikolu 152(1) tal-Kap 12 - inbidel għal kollox matul is-smigħ ta' din il-kawża bl-Att XXXI tal-2002 li għadda mis-Seduta tal-Kamra tad-Deputati numru 840 fis-17 ta' Diċembru, 2002, u rċieva l-kunsens presidenzjali fil-31 ta' Diċembru, 2002. Fil-verżjoni tal-artikolu li daħlet minflok dik ta' qabilha, tneħħiet kull riferenza għat-terminu ta' sitt xhur, u daħal minfloku proċediment li jrid isir fl-ewwel jum tax-xogħol ta' kull xahar dwar dawk il-kawżi li l-proċediment dwarhom bil-miktub ikun ingħalaq minn tal-anqas ħmistax-il jum qabel. Billi l-imsemmi artikolu ġdid għadu ma daħalx fis-seħħ, u billi, meta tressaq dan ir-rikors, kien għadu fis-seħħ l-artikolu 152(2) li llum tneħħa, din il-Qorti tifhem li l-ilment tar-rikorrenti għandu jitqies fid-dawl tal-liġi kif kienet meta tnissel l-aggravju. F'kull każ, l-eżerċizzju li din il-Qorti għandha tagħmel huwa dak li tqis x'jikkostitwixxi "smigħ xieraq fi żmien raġonevoli" fil-qasam ta' kawża ta' natura ċivili u tkejjel is-sejbiet tagħha maċ-ċirkostanzi tal-każ li għandha quddiemha;

Illi r-rikorrenti jgħidu li n-nuqqas ta' appuntament tas-smigħ fl-appell tal-kawża tagħhom jikser kemm l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, kif imdaħħla fil-liġi tagħna bl-Att XIV tal-1987 (Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta), fl-ewwel Skeda tal-imsemmi Att. L-artikolu 39, li jitkellem dwar id-drittijiet basiċi għal smigħ xieraq, jirreferi kemm għal proċeduri ta' natura kriminali u wkoll dawk ta' natura ċivili, li jirreferi

għalihom bħala dawk li jwasslu "għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili". Fiż-żewġ każijiet, il-Kostituzzjoni tisħaq fuq smigħ xieraq egħluq żmien raġonevoli, minn Qorti imparzjali u indipendenti mwaqqfa b'liġi. L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jisħaq dwar l-istess elementi ewlenin, u b'żieda magħhom għandu dispożizzjonijiet dwar l-element tal-pubbliċita' tas-sentenzi mogħtija;

Illi nkiteb mill-awturi mrawmin f'dan il-qasam tad-Dritt li "*the Court has more than once referred to 'the prominent place which the right to a fair trial holds in a democratic society within the meaning of the Convention', a consequence of which is that 'there can be no justification for interpreting article 6(1) of the Convention restrictively'.*"[1]

Illi ingħad b'awtorita' mill-ogħla Qrati tagħna li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni huma maħsuba biex, fi proċeduri dwar drittijiet jew obbligazzjonijiet ċivili, jassiguraw il-ħarsien taż-żewġ prinċipji tal-ħaqq naturali tal-*audi alteram partem* u tan-*nemo judex in causam propriam*. Miżjuda ma' dan il-għan, u mhux minfloku jew bi ħsara għalih, hemm l-element tal-ħeffa raġonevoli tal-proċediment ta' kawża[2]. Imbagħad, f'każ ta' appell, l-obbligu ta' smigħ xieraq, trattazzjoni u deċiżjoni huwa aktar impellenti u doveruż, għaliex mhux biss l-appellant imma l-parti appellata wkoll (jekk mhux iżjed) għandha dritt għal tali smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. Għaliex, daqskemm il-parti telliefa fl-ewwel istanza għandha jedd li tressaq appell minn sentenza quddiem Qorti ogħla, daqstant ieħor, b'ħarsien tal-prinċipju aċċettat tal-*equality of arms*, il-parti rebbieħa għandha jedd tistenna li tieħu sentenza mit-tieni Qorti bla dewmien żejjed[3];

Illi d-dritt għal smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli, madankollu, m'huwiex xi dritt illimitat, imma huwa regolat raġonevolment bil-proċedura li tkun fis-seħħ minn żmien

---

[1] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġ. 164
[2] Kost. **10.6.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Leone Misrahi et vs Rosaria Cassar et*** (mhix pubblikata)
[3] Kost. **13.10. 1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Urso vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.i.115**)

għal żmien[4]. Imma dan iġib miegħu wkoll li jekk il-proċedura tistabilixxi regoli biex bihom jitħaddem is-smigħ kif imiss tal-kawżi, in-nuqqas ta' tħaris tal-istess regoli a skapitu ta' xi parti għandu, fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, iġib miegħu ċensura u jagħti lok għal rimedju, iżjed u iżjed jekk għan-nuqqas ta' tħaris imsemmi l-parti ma jkollha l-ebda sehem jew ħtija;

Illi d-dritt fondamentali tal-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa b'mod xieraq u fi żmien raġonevoli timponi fuq l-Istat li jħares id-Dritt li jassigura l-eżistenza u ż-żamma fis-seħħ ta' sistema effiċjenti ta' amministrazzjoni ta' ġustizzja. Dan jitnissel billi l-Istat jipprovdi strutturi, riżorsi u għodod li bihom il-Qrati jkunu jistgħu jwettqu xogħolhom kif imiss. B'żieda ma dan, ingħad ukoll li l-investigazzjoni ta' dewmien fis-smigħ ta' kawża m'għandhiex issir sempliċistikament fit-termini dojoq tal-kawża partikolari, imma f'termini ferm usa' li jħaddnu ċ-ċirkostanzi kollha li fihom dik il-Qorti tkun qegħda taħdem fiż-żmien relattiv[5];

Illi b'danakollu, jekk minħabba l-inadekwatezza tal-istrutturi li tfasslu biex titħaddem il-makna tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja jbati bla ħtija ċ-ċittadin, l-Istat irid jagħmel tajjeb għal tali tbatija[6]. Għaliex kif qalet il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'għadd ta' kawżi, meta kienet qegħda tgħarbel l-implikazzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, "... *(that article) imposes on the Contracting States the duty to organise their judicial systems in such a way that the Courts can meet the requirments of this provision* ***Salesi vs Italy*** *(26/2/1993). It wishes to reaffirm the importance of administering justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility* ***Katte Klitsche de la Grange vs Italy*** *(27/10/1994)*[7]. Iżda, dan l-aħħar, dik il-Qorti kienet f'qagħda li żżid tgħallem li "*whether or not the subject matter of the cases called for particular urgency in deciding them, ... it is for the Contracting*

[4] Kost. **27.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Brincat vs Il-Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.160**)
[5] Kost. **23.1.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Manduca vs Prim Ministru*** (Kollez. Vol: **LXXIX.i.1** a paġ. 23)
[6] P.A. Kost. **29.10.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Stephen Attard noe vs Il-Prim Imħallef Dr. Carmelo Schembri et*** (mhix pubblikata)
[7] Ara A.P. vs Italy **28.7.1999** (Applic. 35265/97) par 18

*States to organise their legal systems in such a way that their courts can guarantee the rights to everyone to obtain a final decision on disputes relating to civil rights and obligations within a reasonable time* ***Horvat vs Croatia*** *(26/7/2001)*[8] ;

Illi meta mbagħad ġie mistħarreġ l-aspett tar-raġonevolezza fit-tmexxija 'l quddiem tal-kawżi, dik il-Qorti kellha dan xi tgħid: "*reasonableness ... must be assessed in each case according to the particular circumstances. ... The Court has, for this purpose, had regard, inter alia, to the complexity of the case, and to the conduct of both the applicant and the competent authorities...*"[9] magħdud ma' dawn ukoll "*..the importance of what was at stake for the applicant in the litigation*"[10]. Ta' min jgħid li l-kriterju tar-raġonevolezza fil-mixi 'l quddiem ta' smigħ ta' kawża ta' indoli ċivili sakemm jagħlaq iż-żmien biex sentenza tiġi appellata jew, fin-nuqqas ta' appell, sakemm is-sentenza dwar il-vertenza ssir ġudikat[11], u għalkemm m'hemm l-ebda terminu assolut u m'hemm l-ebda fattur partikolari hawn fuq imsemmi li waħdu huwa determinanti, iċ-ċirkostanzi kollha magħdudin flimkien b'effett kumulattiv għandhom ikunu bażi tajba biex jitqies il-kriterju tar-raġonevolezza fid-dewmien proċedurali[12];

Illi ngħad li filwaqt li l-Istat ma jaħtix ta' ksur ta' d-dritt għal smigħ xieraq minħabba l-għamil jew dewmien imnissel mill-parti li kontra tagħha l-applikant iressaq proċeduri ċivili, jew minħabba n-nuqqas ta' tħabrik minn avukat maħtur għall-applikant ukoll jekk bil-benefiċċju tal-għajnuna legali, "*in non-criminal cases, States have been held responsible for delays in civil and administrative courts in performing routine registry tasks, in the conduct of the hearing by the court... and for delays caused by lack of co-ordination between administrative authorities*"[13];

Illi ma hemmx dubju minn dak li ħareġ mill-provi miġbura waqt it-trattazzjoni tal-kawża, li dak li seħħ dwar l-atti tal-

---

[8] Ara Culjak vs Croatia **19/12/2002** (Applic. 58115/00) par 63
[9] Ara Buchholz vs Germany **6.5.1981** (Applic. 7759/77) par 49
[10] Ara Gast & Popp vs Germany **25.2.2000** (Applic. 29357/95) par 70
[11] Harris, O'Boyle & Warbrick *Op. cit.*, paġ. 196
[12] *Ibid.*, paġ. 223
[13] *Ibid.*, paġ. 225

kawża li fiha r-rikorrenti kienu appellati kien marbut sewwa mal-għadd kbir ta' kawżi pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell u li allura jġibu magħhom tabilfors dewmien fis-smigħ tagħhom minn dak li l-imsemmija Qorti tista' umanament tkun f'qagħda li tittratta. Dwar dewmien fis-smigħ ta' kawżi minħabba l-għadd kbir ta' kawżi li jkunu qegħdin jistennew is-smigħ, il-Qorti Ewropeja kellha dan xi tgħid: "*A temporary backlog of court business does not entail a Contracting State's international liability, if it takes appropriate remedial action with the requisite promptness* ***Union Alimentaria Sanders vs Spain*** *(7/7/1989). However, according to the Court's established case-law, a chronic overload cannot justify an excessive length of proceedings*"[14]. F'kawża oħra maqtugħa mill-istess Qorti f'dawn l-aħħar xhur u li kienet tittratta sewwasew ilment dwar dewmien fi proċeduri ċivili fi stadju tal-appell[15], ġie deċiż li kien hemm nuqqas ta' dewmien raġonevoli fit-tmexxija tal-proċediment u għalhekk ksur tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni fejn kien hemm nuqqas mir-reġistratur biex ilaqqa' s-seduta meħtieġa biex l-appell jitqiegħed għas-smigħ u fejn kien hemm nuqqas ta' data f'waqtha għall-istess smigħ;

Illi f'dan il-kuntest inkiteb b'awtorita' wkoll li "*The Convention places a duty on the contracting parties, which applies regardless of cost, 'to organise their legal systems so as to allow the courts to comply with the requirements of Article 6(1)'. It follows that a State may be held liable not only for any delay in the handling of a particular case in the operation of a generally expeditious system for the administration of justice, but also for a failure to increase resources in response to a backlog of cases and for structural deficiencies in its system of justice that causes delay*"[16];

Illi minn dak li jirriżulta fil-każ preżenti, wieħed isib li ż-żmien li għandu jitqies biex jiġi mistħarreġ l-ilment tar-rikorrenti huwa dak bejn il-5 ta' Lulju, 2000, meta ngħatat is-sentenza tal-ewwel Qorti li minnha sar l-appell u t-28

---

[14] Ara Pammel & Probsteiner vs Germany **1/7/1997** (Applic. 17820/91) par 69
[15] Ara Foley vs U.K. **22/10/2002** (Applic. 39197/98) par 39
[16] Harris, O'Boyle & Warbrick, *op. cit.,* paġ. 227

t'Awissu, 2002, meta l-Onorabbli Qorti tal-Appell laqgħet it-talba tar-rikorrenti biex l-appell jiġi appuntat (għalkemm kien biss madwar xahrejn wara dik id-data li l-jum tas-smigħ ġie stabilit għall-10 ta' Diċembru, 2002). Din il-Qorti, fid-dawl tal-osservazzjonijiet li għadha kemm għamlet, ma għandha l-ebda dubju li l-ilment tar-rikorrenti huwa msejjes tajjeb. Dan għaliex, minkejja ċ-ċirkostanzi kollha tal-qagħda quddiem dik il-Qorti, l-artikolu 152(1) tal-Kapitolu 12 ma ġie mħares bl-ebda mod, u ż-żmien ta' sitt (6) xhur **massimu** previst f'dak l-artikolu biex kawża appellata tingħata smigħ inqabeż qatigħ. Minbarra dan, jirriżulta wkoll li kien biss wara li r-rikorrenti ressqu **żewġ atti ġudizzjarji** (rikors u protest ġudizzjarju) li dak li talbu ngħata. F'dan ir-rigward, is-sottomissjoni tagħhom fis-sens li l-intimat Reġistratur Prinċipali tal-Qorti ma kellux għalfejn jistenna li jintalab jaġixxi skond il-liġi biex iħarisha għandha mis-sewwa. L-obbligu impost minn dak l-artikolu fuq ir-Reġistratur kien wieħed tassattiv u mandatarju: ladarba ma wettqux, ħoloq ksur ta' regola ewlenija proċedurali li xekklet il-jedd ta' smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli u għal liema ksur ir-rikorrenti mank jaħtu;

Illi min-naħa l-oħra, hemm ċerta siwi f'dak li l-intimati jissottomettu fin-Nota tagħhom dwar il-fatt li r-rikorrenti setgħu ressqu t-talba tagħhom b'rikors qabel u mhux ħallew iżjed minn sentejn biex għamlu l-pass. Iżda, fil-fehma ta' din il-Qorti, dan is-siwi huwa wieħed limitat għall-aħħar, għaliex (a) ir-rikorrent wera li kien assidwu u diliġenti li jsegwi x'kien qiegħed jiġri mill-proċeduri pendenti l-appell; (b) li ma kellu l-ebda ħtija li emmen lil min (impjegat tal-istess intimat) qallu li s-smigħ tal-kawżi fl-appell kien qiegħed lura b'madwar sentejn; (ċ) li hekk kif "intebah" x'għamel ħaddieħor biex iseħħlu jingħata data għal smigħ, għamel bħalu mingħajr ħela ta' żmien; u (d) għaliex l-**obbligu li kawża appellata titqiegħed għas-smigħ kien obbligu fuq l-intimat Reġistratur** u mhux fakulta' mogħtija lill-parti appellanti jew appellata. B'żieda ma' dan, il-Qorti tqis li l-fatt li l-Onorabbli Qorti tal-Appell laqgħet it-talba tar-rikorrenti biex l-appell jitqiegħed għas-smigħ juri kemm kienet mistħoqqa t-talba, u kemm kien sejjer ikun inġustifikat id-dewmien ulterjuri fl-għoti tal-appuntament tas-smigħ li kieku tali rikors ma kienx

tressaq. Għall-Qorti, dan il-fatt u l-inferenza li titnissel minnu jkomplu jqawwulha l-fehma li l-jedd tar-rikorrenti minnhom lamentat fir-Rikors preżenti kien qiegħed jinkiser ma' kull jum li jgħaddi inutilment;

Illi għalhekk, ladarba l-Qorti waslet għall-fehma li r-rikorrenti seħħilhom juru li seħħ fil-konfront tagħhom ksur tal-jedd fondamentali tagħhom għal smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli, huwa meħtieġ li jitqies ir-rimedju li għandu jingħatalhom minħabba tali ksur. Kif tajjeb jgħidu l-intimati fis-sottomissjonijiet tagħhom, uħud mit-talbiet ġew eżawriti matul is-smigħ tar-rikors, u dan billi l-appell mis-sentenza f'dawk il-proċeduri ġie appuntat (wara, jiġi ripetut, li kien tressaq ir-Rikors preżenti), trattat u issa mħolli għas-sentenza. B'dan il-mod, l-intimati, jew min minnhom, m'għad fadlilhom xejn iżjed x'jagħmlu biex jaġevolaw il-pożizzjoni tar-rikorrenti. Dan japplika għall-ewwel (1[el]) u r-raba' (4[a']) talbiet fir-Rikors. Il-Qorti ma taqbilx mal-intimati li t-tieni talba ġiet eżawrita, għaliex il-ksur tal-ħarsien tal-liġi li kienet fis-seħħ fil-waqtiet kollha rilevanti għar-rikorrenti seħħ u ma ġie bl-ebda mod ġustifikat, bħalma ntwera wkoll għas-sudisfazzjon ta' din il-Qorti li b'dan in-nuqqas ta' ħarsien kien hemm ksur tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti dwar smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli;

Illi jifdal il-kwestjoni ta' x'rimedju għandha tagħti din il-Qorti għall-ksur imġarrab mir-rikorrenti. L-intimati, meta pprospettaw l-agħar ipoteżi (tagħhom) li l-Qorti ssib ksur fil-jeddijiet tar-rikorrenti, urew il-fehma li s-sejbien innifsu tal-ksur huwa rimedju biżżejjed għall-finijiet tal-*just satisfaction* li tipprospetta l-Konvenzjoni. Min-naħa tagħhom, ir-rikorrenti qegħdin jippretendu l-ħlas ta' "danni sofferti likwidati . . . raġonevoli fiċ-ċirkostanzi". Meta r-rikorrent Nicholas Debono ressaq ix-xhieda tiegħu b'affidavit, ħadem fuq id-danni li jgħid li bata "minn mindu bdejt din il-kawża fl-1996... sa kemm intavolajt ir-Rikors Kostituzzjonali għaddew sitt snin u erbgħa xhur". Huwa wasal biex jgħid li dawn id-danni "m'għandhomx ikunu anqas minn ħamest elef lira maltin", u dan minħabba li d-danni likwidati mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata ma

jistgħux iġorru mgħaxijiet sakemm is-sentenza tgħaddi f'ġudikat;

Illi, bla dubju ta' xejn, din il-Qorti m'hijiex taqbel mal-ebda waħda mill-partijiet dwar il-pożizzjoni meħuda minnhom. Fl-ewwel lok, ma jidhrilhiex li d-dikjarazzjoni nnifisha li kien hemm ksur tal-jedd tar-rikorrenti għal smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli hija biżżejjed biex tagħti rimedju lir-rikorrenti. F'dan il-każ issib li r-rikorrenti ġarrbu għamla ta' preġudizzju li llum ma jistax jingħad li huwa għal kollox re-integrat. Ingħad dwar dan l-aspett li l-Kostituzzjoni trid li jekk rimedju ma jkunx jista' jingħata b'reintegrazzjoni fid-dritt miksur, allura dak ir-rimedju għandu jingħata xort'oħra u dan jista' jikkonsisti fil-ħlas ta' kumpens adegwat. Fin-nuqqas, il-Kostituzzjoni fl-artikolu 46(1) ma tkunx laħqet l-iskop tagħha li tagħti rimedju;

Illi, min-naħa l-oħra, huwa llum il-ġurnata aċċettat li, f'materja ta' kumpens mogħti għal xi ksur ta' jedd fondamentali, ir-rimedju finanzjarju fejn applikabbli fil-każ ta' tali ksur m'hux biss m'għandux ikun ekwiparat mad-dannu attwali mġarrab mill-persuna, imma għandu jkun jirrifletti l-gravita' tal-ksur u l-oltraġġ fiżiku u morali li jkun ġie kawżat lill-persuna. Din il-Qorti diġa' qalet li hija qegħda tqis l-ilment preżenti għaż-żmien li beda jgħaddi minn Lulju tal-2000 (u mhux qabel), u għalhekk la sejra tidħol f'kalkolu dwar l-imgħaxijiet li r-rikorrent jgħid li tilef fuq id-danni likwidati fil-kawża minnu mibdija matul iż-żmien kollu li ilha pendenti, u lanqas sejra tqis il-mertu ta' dik il-kawża, li jista' jkun il-mertu ta' azzjoni speċifika spettanti lir-rikorrenti aktar 'il quddiem, u li għalhekk qegħda tibqa' impreġudikata;

Illi, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha li ssemmew aktar qabel, u tad-deċiżjonijiet l-iżjed riċenti, din il-Qorti qegħda tordna l-ħlas ta' kumpens bejniethom fis-somma ta' ħames mitt lira Maltija (Lm500) talli ma tħarisx id-dritt fondamentali tagħhom, pagabbli solidalment mill-intimati;"

**L-appell ta' l-intimati.**

L-intimati appellaw minn din is-sentenza. L-aggravji taghhom huma, bazikament, tlieta. Fl-ewwel lok huma jghidu li l-ewwel Qorti zbaljat meta ekwiparat in-nuqqas ta' osservanza ta' l-Artikolu 152(1) tal-Kap. 12 ma' nuqqas ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli "peress illi n-nuqqas ta' tharis tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 152(1) mhux necessarjament igib bhala konsegwenza illi l-assjem tas-smigh tal-kawza ma jkunx sar fi zmien ragonevoli". Fit-tieni lok jghidu li fi kwalunkwe kaz ma kienx jiddependi mir-Registratur li jappunta l-kawzi ghal dati partikolari, jew kemm jigu appuntati kawzi f'data partikolari. U, fit-tielet lok, u bla pregudizzju ghall-ewwel zewg ilmenti taghhom, jilmentaw dwar il-kwantum tal-"kumpens" li huma gew ordnati jhallsu. Ir-rikorrenti appellati jikkontendu, bazikament, li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti kienet wahda gusta u li ghalhekk timmerita konferma.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>.**

Ma hemmx dubbju li l-pern ta' din il-kwistjoni, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, huwa jekk il-fatt li ma giex osservat it-terminu ta' sitt xhur imsemmi fl-Artikolu 152(1) tal-Kap. 12 fil-kawza Citaz. 2023/96 DS jammontax, <u>fil-kaz konkret</u>, ghall-vjolazzjoni ta' l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni in kwantu ma jkunx inghata smigh lil dik il-kawza fi entro zmien ragonevoli.

Fil-fehma ta' din il-Qorti il-periodu li dwaru qed jilmentaw l-appellati (rikorrenti fl-ewwel istanza) huwa dak bejn meta gie intavolat ir-rikors ta' appell mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma u mid-Direttur tad-Drenagg – jigifieri il-25 ta' Lulju, 2000 – u d-data ta' l-ewwel smigh tal-kawza fl-appell – jigifieri l-10 ta' Dicembru, 2002 – periodu, ghalhekk ta' ftit anqas minn sentejn u hames xhur. Din il-Qorti tosserva li l-ewwel Qorti proprjament hadet in konsiderazzjoni periodu differenti u iqsar, u cioe` bejn il-5 ta' Lulju, 2000 (data tas-sentenza tal-Qorti ta' l-ewwel grad) u t-28 ta' Awissu, 2002 (id-data meta l-Qorti ta' l-

Appell laqghet talba ta’ Nicholas Debono u ibnu sabiex l-appell jigi appuntat, u trattat u deciz, f’data vicina).

Minn qari akkurat tas-sentenza appellata hu evidenti li l-ewwel Qorti irriteniet li, galadarba kien hemm terminu stabbilit fil-ligi tal-procedura – sitt xhur – u dan it terminu ma giex osservat, allura necessarjament kien hemm lezjoni tad-dritt fondamentali ghal smigh gheluq zmien ragonevoli. In fatti, dik il-Qorti qalet hekk:

Illi d-dritt għal smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli, madankollu, m’huwiex xi dritt illimitat, imma huwa regolat raġonevolment bil-proċedura li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien.  Imma dan iġib miegħu wkoll li jekk il-proċedura tistabilixxi regoli biex bihom jitħaddem is-smigħ kif imiss tal-kawżi, in-nuqqas ta’ tħaris tal-istess regoli a skapitu ta’ xi parti għandu, fil-fehma meqjusa ta’ din il-Qorti, iġib miegħu ċensura u jagħti lok għal rimedju, iżjed u iżjed jekk għan-nuqqas ta’ tħaris imsemmi l-parti ma jkollha l-ebda sehem jew ħtija;

U aktar ‘l quddiem l-istess sentenza kompliet hekk:

L-obbligu impost minn dak l-artikolu fuq ir-Registratur kien wiehed tassattiv u mandatarju: ladarba ma wettqux, holoq ksur ta’ regola ewlenija procedurali li xekklet il-jedd ta’ smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli u ghal liema ksur ir-rikorrenti mank jahtu.

Bid-dovut rigward lejn l-ewwel Qorti, din il-Qorti ma tistax taqbel ma’ dan ir-ragunament. Ghakemm huwa veru li r-regoli tal-procedura qeghdin hemm biex jigu osservati, u wiehed ghandu bir-ragun jassumi li qeghdin hemm primarjament biex jghinu fl-amministrazzjoni tal-gustizzja, ma jfissirx li jekk certu termini ma jigux ossrevati allura l-konsegwenza hija nececssarjament li jkun hemm dewmien mhux ragonevoli <u>bi ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea</u>. Wiehed ghandu jiddistingwi – haga li l-ewwel Qorti jidher li ma ghamlitx – bejn il-konsegwenza, u allura r-rimedju, fuq livell ta’ dritt ordinarju, u l-konsegwenza u r-rimedju fuq livell ta’ drittijiet

fondamentali. Hekk, per ezempju, jekk jirrizulta li minhabba l-inosservanza, anke ghal ftit granet, ta' xi terminu da parti tar-Registratur jew ta' l-awtoritajiet ta' l-Istat, parti tkun sofriet danni materjali, dik il-parti tista' tfittex ghar-rimedju fuq livell ordinarju. Dak li qed jilmentaw minnu l-appellati, izda, hu li gie lez id-dritt taghhom ghal smigh entro zmien ragonevoli kif garantit bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropea. L-osservanza tat-terminu jew termini tista' tkun relevanti daqs kemm tista' ma tkunx. Infatti, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet ***G. v. Italy***, deciza fis-27 ta' Frar, 1992, qalet hekk:

**"17. The Court notes in the first place that the major part of the period to be taken into consideration related to the appeal proceedings; the magistrates' court gave judgment barely ten months after the institution of the proceedings. No doubt the District Court and the magistrate's court did not comply with the shortened time-limits applicable to disputes of this nature, <u>but such a failure does not in itself infringe Article 6 para. 1</u> (see, as the most recent authority, the Wiesinger v. Austria judgment of the 30 October, 1990, Series A no. 213, pp. 22-23, para. 60). In this instance, regard regard must be had to the nature of the dispute, which concerned the recognition of a higher professional qualification and the payment of arrears of remuneration. It is true that no investigative measure was taken during the above-mentioned period between the filing of the appeal and the appeal hearing. The Government pleaded the backlog of the cases in the District Court, but Article 6, para. 1 imposes on the contracting States the duty to organise their legal systems in such a way that their courts can meet each of its requirements (see, inter alia, the Vocaturo v. Italy judgment of 24 May, 1991, Series A no. 206-C, p. 32, para. 17). The period in question would nevertheless seem to be acceptable if viewed in the context of the total duration, as it must be."** (sottolinear ta' din il-Qorti).

F'dan il-kaz – cioe` ta' ***G. v. Italy*** – l-applikant kien qed jilmenta *"…that he had to wait thirty-six months for the first intance and second instance decisions despite the fact that there was statutory provision for shorter time-limits in labour disputes"*; kif ukoll li *"…the period of nearly two years between the filing of the appeal (11 July, 1986) and the hearing in the competent chamber (1 July, 1988) had in itself infringed Article 6"*, u li *"…in addition the president of the chamber in question had refused to comply with the applicant's request that the date of the hearing be brought forward."* F'dan il-kaz, il-Qorti Ewropea sabet li ma kien hemm ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 6(1).

Fil-kaz in dizamina, ma hemmx dubbju li t-terminu ta' sitt xhur ma giex osservat, u bejn l-introduzzjoni ta' l-appell u l-ewwel smigh tieghu ghaddew ftit anqas minn sentejn u hames xhur. Fil-fehma ta' din il-Qorti, tali terminu sa ma l-appell jibda jinstema' <u>ma hux, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, xi zmien mhux ragonevoli ghal Qorti ta' Appell</u>. Il-Qorti ta' l-Appell tircevi appelli minn diversi qrati tal-Prim Awla – oltre li minn Bordijiet u Tribunali ohra skond il-ligi – u dawna kollha jirdu jinghataw ukoll <u>smigh xieraq</u> apparti mill-fatt li tali smigh ghandu jsir gheluq zmien ragonevoli. Din Il-Qorti diga kellha l-okkazjoni recentement li tikkummenta, ghalkemm *obiter*, dwar l-imsemmi Artikolu 152(1) u t-terminu massimu ta' sitt xhur li jimponi, fis-sentenza taghha tat-8 ta' Mejju, 2003 fil-kawza fl-ismijiet ***Central Mediterranean Development Corporation Limited v. Avukat Generali***. F'dik il-kawza din il-Qorti qalet hekk:

Bhala regola huwa aktar desiderabbli li kawza tistenna ftit ta' zmien biex tigi appuntata, biex meta tigi effettivament appuntata tkun tista' tiehu l-kors normali taghha quddiem il-Qorti li tkun. Din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li min issuggerixxa l-introduzzjoni ta' dan it-terminu ta' sitt xhur huwa kompletament distakkat mir-realta` tas-sistema gudizzjarja taghna. X'jiswa, infatti, li kawza tigi appuntata entro t-terminu ta' sitt xhur mill-presentata tar-rikors ta' appell biex, minhabba n-numru ta' kawzi l- jkollha l-Qorti, fl-ewwel udjenza din tigi differita l-boghod b'sena jew sena w nofs jew aktar? Terminu simili hafna drabi flok jghin fil-

*management* ta' kawza johloq kumplikazzjonijiet inutili ghal Qorti li jkollha mhux kawza wahda jew tnejn izda mijiet fuq il-lista jew listi taghha. Fi kliem iehor, f'kaz konkret it-terminu ta' sitt xhur jista' jigi osservat pero` l-kawza xorta wahda tiehu zmien mhux ragonevoli biex tigi deciza, u, bil-kontra, dan it-terminu jista' ma jkunx gie osservat u l-kawza xorta wahda tinqata' fi zmien ragonevoli.

Ghalhekk ma kienitx korretta l-ewwel Qorti meta ekwiparat, kwazi b'mod awtomatiku, in-non-osservanza tat-terminu ta' sitt xhur mat-trapass ta' zmien mhux ragonevoli. Jizdied jinghad li tant dan it-terminu ta' sitt xhur ma jaghmilx sens u ma kienx prattikabbli minn kull aspett, li bl-emenda introdotta bl-Artikolu 54 tal-Att XXXI tal-2002, dan it-terminu tnehha, u ebda terminu ghad-data ta' l-ewwel smigh ma gie prefiss (kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, id-disposizzjoni l-gdida, ghalkemm approvata mill-Parlament, ghadha ma gietx fis-sehh). Stabbilit dan, pero`, xorta wahda din il-Qorti trid tiddecidi jekk, fil-kaz konkret u cioe` tenut kont tac-cirkostanzi kollha, kienx hemm dewmien mhux ragonevoli kif qed jallegaw l-appellati u jikkontestaw l-appellanti [17]. Issa, huwa veru, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, li l-Istat ghandu l-obbligu li jorganizza s-sistema gudizzjarja tieghu – inkluz li jipprovdi l-mezzi f'termini ta' *manpower* – b'mod li jigu rispettati d-disposizzjonijiet kollha li jiggarantixxu drittijiet fondamentali, inkluzi ghalhekk l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni ghal dak li jirrigwarda smigh gheluq zmien ragonevoli. B'dana kollu, wiehed ghandu dejjem jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluza xi cirkustanza partikolari li setghet waslet ghal xi dewmien temporanju u l-mizuri li jkunu ttiehdu biex tali dewmien jigi arginat jew addirittura meghlub. F'dan il-kuntest, l-awturi Van Dijk u van Hoof, fil-ktieb awtorevoli taghhom **Theory and Practice of the European Convention on Human Rights** josservaw hekk:

[17] In fatti l-appellanti, fir-rikors ta' appell taghhom, jghidu testwalment hekk: *"...illi n-nuqqas ta' tharis tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 152(1) m'hux necessarjament igib bhala konsegwenza illi* ***l-assjem tas-smigh tal-kawza ma jkunx sar fi zmien ragonevoli****."*

**“With regard to the third criterion, the conduct of the authorities, the efforts the judicial authorities have made to expedite the proceedings as much as possible play an important part. In this respect a special duty rests upon the court concerned to see to it that all those who play a role in the proceedings do their utmost to avoid any unneccessary delay. This holds good in criminal as well as civil cases, where the initiative in the proceedings in principle may be left to the parties. In the *Capuano* Case the Italian Government drew attention to the fact that the delays in the proceedings in first instance, which lasted for more than six years, were attributable to the experts, who filed their opinions too late. The Court held the court concerned responsible for the delays in preparing expert opinions. In the *Idrocalce* and *Tumminelli* Cases the Court reached the same conclusion with reference to the delays in hearing witnesses. The mere fact that the national authorities fail to comply with legal time-limits is in itself not contarary to Article 6(1)…Overburdening the judiciary in general is not recognised as an excuse, since the Contracting States have the general duty to organise the administration of justice in such a way that the various courts can meet the requirements of Article 6. According to constant case-law Contracting States are not liable in the event of a temporary backlog of business in their courts, provided that they take, with the requisite promptness, remedial action to deal with the exceptional situation of this kind. The measures taken are assessed as to their effectiveness, and it is also ascertained whether they have been taken in good time; measures taken afterwards cannot make up for the fact that the reasonable period has been exceeded.”** (pp. 447-449).

Fl-udjenza tad-19 ta’ Mejju, 2003 id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw espressament li jekk din il-Qorti jkollha bzonn, tkun tista’ taghmel referenza ghall-kawza originali (cioe` Citaz. 2023/96) deciza finalment mill-Qorti ta’ l-Appell fit- 8 ta’ Mejju, 2003 (jigi osservat li l-atti ta’ l-imsemmija kawza

mhux dejjem kienu a disposizzjoni tal-Prim Awla li tat is-sentenza appellata, kif osservat l-istess Qorti; ara l-parti tas-sentenza appellata kkwotata aktar ‘l fuq f’dan il-gudikat). Il-kawza li Nicholas Debono u ibnu bdew permezz ta’ citazzjoni datata 13 ta’ Gunju, 1996 kontra l-Korporazzjoni tas-Servizz ta’ l-Ilma, kontra l-Perit Philip Grech bhala Direttur tad-Drenagg fil-Ministeru ta’ l-Ambjent u kontra l-Onorevoli Dott. Francis Zammit Dimech bhala Ministru ta’ l-Ambjent ma jistax jinghad li kienet wahda facli. Dak li kien qed jigi allegat mill-atturi kien, bazikament, li minhabba skular ta’ drenagg mis-sistema tad-drenagg tal-Gvern kienet qed tigi kagunata hsara fil-proprjeta` taghhom. Ghalkemm il-Prim Awla lqghet it-talba taghhom sabiex dik il-kawza tinstema’ b’urgenza, kien biss kwazi erba’ snin wara – fil-5 ta’ Lulju, 2000 – li l-ewwel Qorti tat is-sentenza taghha. L-appellati, pero`, proprjament ma humiex qed jilmentaw dwar dawn l-erba’ snin – u bir-ragun. Fil-fatt miz-zewg volumi tal-process quddiem il-Prim Awla jidher car li l-kawza ma kienitx wahda *di facile spedizione*. Xehdu diversi xhieda kemm quddiem l-Assistant Gudizzjarju kif ukoll quddiem il-perit tekniku. Ir-relazzjoni tal-perit tekniku – l-A.I.C. Joseph Jaccarini – hi prova elokwenti ta’ kemm ma kienitx semplici mill-lat fattwali u tekniku il-kawza. Inoltre, fil-kors tas-smigh quddiem il-Prim Awla gew presentati diversi rikorsi (li kienu jehtiegu l-intervent dirett ta’ l-Imhallef), noti u dokumenti ohra. Fis-sentenza taghha tal-5 ta’ Lulju, 2000, il-Prim Awla, wara li llberat lill-Ministru tal-Ambjent mill-osservanza tal-gudizzju, sabet liz-zewg konvenuti l-ohra responsabbli ghall-hsarat li sofrew l-atturi; illikwidat id-danni fl-ammont ta’ Lm5649.92, u kkundannat lill-istess konvenuti jhallsu dik is-somma lill-atturi <u>bl-imghax mid-data ta’ dik is-sentenza</u>. Fl-ahharnett ikkundannat lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma u lid-Direttur tad-Drenagg ihallsu l-ispejjez kollha tal-kawza. Kif inghad aktar ‘l fuq, il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma u d-Direttur tad-Drenagg appellaw minn din is-sentenza fil-25 ta’ Lulju, 2000. Issa, kif diga inghad aktar ‘l fuq f’din is-sentenza, din il-Qorti hi tal-fehma li terminu ta’ ftit anqas minn sentejn u hames xhur bejn l-introduzzjoni tar-rikors ta’ appell u l-ewwel smigh ta’ l-appell ma hux, fih innifsu, xi zmien irragonevoli biex Qorti ta’ Appell tibda tisma’

appell. Fl-istadju ta’ l-appell ma jidher li kien hemm ebda raguni specjali ghala l-istess appell kellu jinstema’ bl-urgenza – filwaqt li quddiem il-Prim Awla tnejn mit-talbiet kienu biex il-konvenuti jigu kkundannati jaghmlu t-tiswijiet necessarji fis-sistema tad-drenagg u fil-proprjeta` tal-atturi, il-Prim Awla, fis-sentenza taghha, astjeniet milli tiehu konjizzjoni aktar taghhom peress li kien irrizulta li x-xogholijiet necessarji kienu saru fil-mori tal-kawza, b’mod ghalhekk li dak li kien baqa’ biex jigi deciz (u li effettivament gie deciz) kien biss il-likwidazzjoni tad-danni u l-kundanna tal-konvenuti li jhallsu tali danni. Inoltre, hu fatt risaput – u din il-Qorti hi tal-fehma li tista’ tiehu *judicial cognizance* ta’ dan il-fatt – is-sena l-ohra il-Qorti ta’ l-Appell ghaddiet minn taqlib insolitu, aktarx uniku milli rari, bit-tibdil tal-President taghha darbtejn f’temp ta’ ftit xhur. Dan ukoll necessarjament gab certu ammont ta’ dewmien fis-smigh tal-kawzi fl-appell. Pero`, kif jirrizulta mill-atti, wara li Nicholas Debono u ibnu pprezentaw rikors quddiem dik il-Qorti ta’ l-Appell sabiex l-appell taghhom “jigi trattat u deciz f’data vicina” [18], dik il-Qorti, b’digriet tat-28 ta’ Awissu, 2002, ordnat li “l-kawza tigi appuntata skond il-ligi”. Effettivament l-appell gie appuntat ghas-smigh ghall-10 ta’ Dicembru, 2002. Rikors tad-Direttur tad-Dipartiment tad-Drenagg ghal differiment minhabba li l-avukata tad-Dipartiment kienet ser tkun imsiefra fl-10 ta’ Dicembru gie michud mill-Qorti ta’ l-Appell. Fl-10 ta’ Dicembru, 2002 l-appell gie trattat u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-25 ta’ April, 2003, pero` effettivament inghatat gimghatejn wara, cioe` fit-8 ta’ Mejju, 2003. Il-Qorti ta’ l-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-Prim Awla, hlief ghar-rigward ta’ l-ispejjez tal-Ministru ta’ l-Ambjent (li kien gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju).

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, u ghar-ragunijiet fuq esposti, ma jistax jinghad li kien hemm ksur tal-Artikolu 39(1) tal-Kostitizzjoni u tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea minhabba li ma nghatax smigh (xieraq) <u>gheluq zmien ragonevoli</u>, bir-rizultat li l-appell odjern jimmerita li jigi akkolt.  Jerga’ jigi ribadit li biex waslet ghal din il-konkluzjoni din il-Qorti kkunsidrat <u>ic-cikostanzi kollha</u>,

[18] Ara r-rikors tal-31 ta’ Lulju, 2002.

inkluzi in partikolari in-natuta tal-kaz u dak li kien *in issue* fl-istadju ta’ appell, il-mod spedit li bih l-appell gie trattat mid-data ta’ l-ewwel smigh tieghu ‘l quddiem, u z-zmien kollu li l-kawza hadet biex tigi deciza mic-citazzjoni fil-Prim Awla sad-data tas-sentenza definittiva tal-Qorti ta’ l-Appell.

**<u>Decide</u>.**

Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta’ l-ewwel u tar-raba’ talbiet tar-rikorrenti, thassarha u tirrevokaha fil-bqija, cioe` in kwantu laqghet it-tieni, it-tielet u l-hames talbiet tal-istess rikorrenti appellati, in kwantu kkundannat lill-intimati appellanti jhallsu l-kumpens ta’ hames mitt lira bejniethom bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ dik is-sentenza sal-jum tal-hlas effettiv, kif ukoll in kwantu kkundannat lill-intimati jhallsu l-ispejjez ta’ dik il-kawza. Tordna li l-ispejjez kemm tal-prim istanza kif ukoll ta’ dana l-appell ghandhom, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------